MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Numru. 1059/2003

PULIZIJA
SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA
VS
ANTHONY BEZZINA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Bezzina ta’ 50 sena, bin Xandru u Mikelina nee Zarb, imwieled Ghajn Tuffieha l/o San Pawl il-Bahar, fis-27 t’Awissu 1952, u li joqghod Ta Juse’ Flats, Flat 2, Triq is-Simar, Xemxija, detentur tal-karta tal-identita numru 655852M talli bejn l-1 u l-24 ta’ Dicembru 2003, f’dawn il-gzejjer, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex iqanqal, tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq ta’ Lm140 ghad-dannu ta’ l-istabbiliment Curly Wurly u ta’ Tonio Vassallo.

Talli fl-istess perjodu, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li kien indahal biex ibieghhom jew imexxihom liema oggetti gejjin mir-reat ta' serq.

Talli sar ricediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-qorti tal-Appell datati 16 ta' Lulju 1992, 2 ta' Frar 1996 u mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 16 ta' Settembru 1999, 21 ta' Frar 2000 u 16 ta' Lulju 2001 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-verbal tal-7 ta' Jananr 2004 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tielet akkuza bit-tieni akkuza assorbita fl-ewwel l-akkuza u wara li rat Art 308, 49, 50 u 28A tal-kap 9 u tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------